# IN-NISA TA' L-ISKRITTURA MQADDSA

# EVA

## B'TUFFIEĦA BIDLET ID-DESTIN TA' L-UMANITA'.

F'dinja bħal din li qed ngħixu fiha, il-mara waslet biex takkwista quddiem il-liġi l-ugwaljanza tagħha f'kollox bħar-raġel. Illum hija għandha kull dritt politku, ċivili u soċjali. Mhux biss tista' tagħżel bil-vot tagħha r-rappreżentant personali fil-Parlament, nistgħu ngħidu, ta' kull nazzjon, iżda hija nnifisha tista' tiġi magħżulha bħala membru tal-Parlament, tista' ssir ministru, u tista' tieħu t-tmexxija tal-pajjiż f'idejha. Illum il-mara tinsab kullimkien: f'kull fergħa ta' ħajja pubblika. Għalliema fl-iskejjel, segretarja fl-uffiċini, direttriċi fl-ażjendi, avukata u mħallef fil-qrati, tabiba fl-isptarijiet, esperta f'kull sengħa u professjoni.

U l-mara f'dawn l-oqsma ta' ħidma tfittex li toħroġ sehemha u tħalli warajha l-kontribut ta' moħħha u ta' qalbha. B'kelma waħda nistgħu nfissru ħsiebna: il-mara nisġet l-istorja ta' qabilna, u l-mara tinseġ l-istorja ta' żmienna. Kien hemm min kiteb li li kieku Kleopatra kellha karattru divers milli kellha, l-istorja ta' Ruma llum tinkiteb xort'oħra. U li kieku Eva ma tatx widen għassefsif tas-serpent u ma qatgħetx li tiekol il-frotta projbita, l-umanità kollha llum ma kienx ikollha d-destin li fih tinsab.

Eva, *l-omm ta' kollha kemm huma l-maħluqa*, ġiet maħluqa mix-xejn mn'Alla biex Adam ikun aktar hieni u kuntent, għax ma jibqax waħdu, u Eva flimkien ma' Adam jgħixu ħajja kollha kemm hi ta' dawl, ta' purità, ta' mħabba f'għaqda, f'ġenerożità, f'ħajja għammiela; ikunu tassew ġisem wieħed u qalb waħda.

Kienet mara xxurtjata, għarusa ta' bniedem maħluq direttament mn'Alla nnifsu, bniedem li kien ġibed fuqu s-simpatija ta' l-akbar Għoli. Kienet is-sultana tal-ħolqien kollu; kollox kien f'idejja, għall-kelma tagħha kienu jitbaxxew il-ħlejjaq l-oħra; kollox ġie mitluq f'idejha. Eva kienet tgħix għal Adam biss, bħalma Adam kien jgħix għaliha biss. Qatt żiffa ta' għira ma ħarbtitilha 'l qalbha. Ma kienx hemm fil-ġenna ta' l-art niesa oħra, li setgħu mqar mill-bogħod jisirqulha l-qalb ta' żewġha.

Kienet tassew MISS UNIVERS.

Adam ukoll kien waħdu. Ma kienx hemm irġiel oħra li setgħu jieħdulu postu.

L-ewwel mara setgħet kienet il-ħlejqa l-aktar feliċi li qatt rat id-dinja. Ma kellhiex għalfejn titħabat biex togħġob 'l żewġha. Ma kellhiex għalfejn taqleb rasha biex tara kif tilbes u kif tiżżejjen, għax kienet fuq kollox sabiħa. Imma jekk Eva ma kellhiex id-dudu tal-ġelosija li seta' jħarbtilha 'l qalbha, kellha l-misħuta ambizzjoni li tilfitha. Liema mara ma tinħakimx mix-xewqa li tidher dejjem aktar sabiħa, aktar kbira, aktar setgħana. Eva u Adam

kienu jinħabbu; qatt ma tlewmu; kollox kien sejjer ħarir; ħajjiethom kienet għaddejja kuljum fis-sliem; wiċċhom kien dejjem imbissem u daħkani; qatt bil-geddum. Bħal dgħajsa li tofrok l-ilmijiet imkenna tal-ibħra, hekk kienet għaddejja ħajjiethom, bis-sliem u bil-paċi.

* * *

Imma jum fost l-oħrajn, Eva kellha daqsxejn ta' diskursata ma' . . . serpent u ħallietu . . . jidħak biha. Bħal ħafna minn uliedha li għad iridu jitwieldu, ġiet mirbuħa mit-tentazzjoni. Is-serpent kien ittenda bid-debulizza ta' qalbha. Tkun aktar sabiħa, qalilha, tkun aktar hienja, ikollok aktar setgħa, issir Alla ieħor, tagħraf il-ġid u l-ħażen. U minnufih ħarset lejn is-siġra li kienet qiegħda f'nofs il-ġnien ta' l-Eden, rat il-frott tagħha sabiħ u jħajrek, midded idejha, qatgħet u kielet.

L-ewwel waqgħa, l-ewwel dnub, l-ewwel ksur tal-liġi t'Alla.

Imma Eva ma ridietx tkun weħedha fil-waqgħa. Sejħet 'il żewġha, stednietu biex jiekol magħha dik ittuffieħa misħuta. Quddiem Alla riedet tiskuża ruħha. Ma waslitx. Fommha ngħalaq; waqgħet fi skiet kbir. Xufftejha ma tbexxqux jekk mhux biex tagħti ħajr 'il Alla meta nisslet u welldet l-ewwel tarbija.

Ma kellhiex ħbieb. Is-sbuħija tagħha ġiet imtaqqla b'ilbies li xejn ma kien jixirqilha. Imma kienet titfarraġ ma' Adam li ma kellux ħliefha. Kienet għadha l-mara waħdenija tal-ħolqien. U qalbha kienet mixgħula bl-imħabba li tpatti għal dawk il-konsegwenzi koroh li ġiebet fuqha u fuq żewġha.

Jidhirli li qed nara lil din l-ewwel mara quddiemi filwaqt li qiegħda tgħin lil żewġha jaħdem l-egħlieqi għax fuqha issa hemm il-kundanna ħarxa: "Bil-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok". Jidhirli qed nara lil Eva mgħawġa fuq daqsxejn ta' benniena, tiftakar, filwaqt li qiegħda tbennen, li li kieku ma kienx id-dnub tagħha ma kienx hemm għalfejn tbati biex twelled.

* * *

Il-missjoni ta' Eva wara d-dnub kienet din: taħdem biex tpatti, u tobdi biex tfarraġ. Taħdem biex tiekol, tobdi biex togħġob 'il Adam. Nisslet 'il uliedha, ħadmet għalihom u obdiethom. Bkiet għax batiet, u bkiet għax ġarrbet. Min jaf kemm biki xerrdet meta rat 'il binha l-kbir Kajin joqtol lil binha Abel.

Imma Eva għexet bit-tama, bit-tama ta' dik il-kbira wegħda li għamlilha Alla dejjem ħanin: "Minn nisel tiegħek joħroġ il-Feddej li jeħles lill-umanità mill-ħtija li biha Int personalment ċappasitha".

U Eva għexet tpatti għall-ħtija billi bla tgergir ġarrbet il-ħlas tal-kundanna.

* * *

Eva, *l-omm ta' kollha kemm huma l-maħluqa*, hija xempju tassew sabiħ ta' kull mara maħluqa; xempju tad-difetti tagħha, xempju tal-virtujiet tagħha. Minn banda l-għira u d-debolizza naturali, minn banda l-imħabba, il-fedeltà, l-għotja tagħha nfusha għal kull tbatija u tjieba.

IR-RAĦEB.